# *Kapitlu 4*
# Mill-Kotba tat-Tesserament tas-Soċji

Fl-ewwel ħames xhur mit-twaqqif taċ-*Circolo San Gabriele* nsibu 42 membru. Sibt li l-ewwel Laqgħa Ġenerali saret il-Ħadd 25 ta' Settembru 1920 u attendew 32 membru. Dan juri l-entużjażmu fi ħdan il-membri għal din is-Soċjetà ġdida li kienet għadha kif twaqqfet. Tajjeb li nkomplu naraw sena b'sena l-andament tal-membri fi ħdan dan iċ-*Circolo San Gabriele*.

## L-imsieħba taċ-*Circolo San Gabriele* fis-snin 20

Fl-1921 insibu 63 membru, fl-1922 insibu 65, fl-1923 insibu 65, fl-1924 insibu 61, fl-1925 insibu 78, fl-1926 insibu 66, fl-1927 insibu 68, fl-1928 insibu 69 u fl-1929 insibu 63.

Dawn il-figuri jistgħu jvarjaw xi ftit, però waqt ir-ricerka qtajt dawk li matul is-sena mietu jew telqu minn soċji. Rajt ukoll membri li matul is-sena kienu emigraw jew inkella sospiżi minn membri. Bħala ammont ta' membri nara li kien tajjeb meta tqis il-kuntest ta' raħal żgħir kif kien Ħal Balzan, b'popolazzjoni ta' 1,228 ruħ li 512 kienu rġiel u 716 kienu nisa (minn dawn in-numri insibu kważi 200 li kienu tfal). Irridu nqisu li ġewwa Ħal Balzan kien hemm *Circolo* ieħor kif ukoll il-faqar li kien jeżisti l-aktar minħabba l-eżitu tal-irvellijiet tas-*Sette Guigno* tal-1919, daqs għaxar xhur biss qabel. Imbagħad irridu nqisu wkoll li din kienet Soċjetà ġdida… nafu li l-bidu ta' kull ħaġa hu ferm diffiċli, allura b'hekk naraw id-determinazzjoni tal-membri li jwelldu Circolo ġdid u jibqa' għaddej dawn is-snin kollha, jevolvi, jikber u fi ħdanu jkabbar l-attivita' tiegħu fost il-poplu Balzani fil-qasam mużikali, soċjali u kulturali.

## Membri tas-snin 30

Fl-1930 insibu 61 membru, fl-1931 insibu 78, fl-1932 insibu 90, fl-1933 insibu 70, fl-1934 insibu 62, fl-1935 insibu 59, fl-1936 insibu 52, fl-1937 insibu 47, fl-1938 insibu 42 u fl-1939 insibu 26.



***Il-mod ta' kif kienu jżommu r-rendikonti tal-membri meta kienu jħallsu t-tessera.***

Is-snin 20 kienu snin li fiċ-*Circolo* sar ħafna u ħafna xogħol sabiex is-Soċjetà taqbad ir-ritmu u tibqa' fuq saqajha. Kif rajna saru opri kbar… it-Trofej, Ġuditta, u l-Bandalora. Ma ninsewx li minn żmien għal żmien kienu jixtru affarijiet sabiex isebbħu l-Każin fosthom jissemma sufan lussuż. Issa kien iż-żmien li jikkonsolidaw dak li sar fl-ewwel għaxar snin. U l-istess jingħad għas-snin 30 meta nitkellmu dwar l-andament tal-membri. L-ammonti jistgħu jvarjaw 'l hawn u 'l hemm minħabba każi ta' mewt jew emigrazzjoni, però fis-sena 1932 naraw l-akbar ammont ta' membri fi ħdan is-Soċjetà…dejjem meta ċ-*Circolo San Gabriele* kien għadu fl-ewwel żminijiet tiegħu. Waqt il-qari tal-minuti fis-snin 30, ninnota li fl-ambjent taċ-*Circolo* daħlet xi ftit jew wisq il-politika. Anke naraw li fuq insistenza ta' Luigi Ebejer, Segretarju, qrib is-sena 1936 kienet ġiet iddoqq il-Banda Cittadina King's Own tal-Belt Valletta. Dan ġara minħabba l-fatt li ċ-*Circolo Maria Annunziata* kien iġib il-Banda La Vallette tal-Belt Valletta ddoqq f'Ħal Balzan. Il-Kappillan Dun FX Zahra ma kienx ta l-permess tiegħu sabiex tinġieb banda oħra ddoqq f'Ħal Balzan iżda minħabba l-fatt li fis-sena 1936 kien ġej il-Gvernatur Charles Bonham Carter għal żjara f'Ħal Balzan, iċ-*Circolo San Gabriel* kien ġab il-Banda King's

Own[1] iddoqq għall-festa tal-Lunzjata. Ironikament din il-Banda għadha tiġi ddoqq hawn f'Ħal Balzan eżattament f'Jum il-Festa meta għas-6.30pm tagħmel marċ sakemm fi nżul ix-xemx tilqa' l-istatwa tal-Lunzjata bid-daqq tal-Ave Maria. L-istess Banda King's Own tagħti l-aħħar tislima bl-Ave Maria lil-Lunzjata fid-dħul tal-istatwa.



***Il-Banda Cittadina King's Own waqt il-marċ tagħha qabel il-purċissjoni.***

## Membri tas-snin 40

Imbagħad jigu s-snin 40…snin li l-pajjiż kien għaddej mit-Tieni Gwerra Dinija u għalhekk kull Soċjetà f'pajjiżna kellha tnaqqas jew ġieli twaqqaf ftit l-operat tagħha. Fis-sena 1940, kienu 13-il membru biss li baqgħu jħallsu l-miżata ta' soċji. Sadanittant il-Kumitat kien iddeċieda li s-soċji jinħelsu mill-ħlas tal-abbonament li kienu jħallsu. Dan ġara fis-sentejn tal-gwerra bejn Ġunju tal-1940 u Ġunju tal-1942.

## Tgħaddi l-Gwerra...

Il-Kumitat taċ-*Circolo San Gabriele* jaqbel li jibdel ismu għal isem bil-Malti… **Għaqda San Gabriel** f'Seduta Ġenerali nhar il-Ħadd 9 ta' Jannar 1944. Il-Kumitat kien iddeċieda li l-Għaqda San Gabriel tagħti sehemha mir-rigal tax-xabla lill-Gvernatur Lord Gort. Il-membri jerġgħu jibdew jiżdiedu wara l-effetti u r-riperkusjonijiet tal-gwerra. Issa l-Għaqda kellha 25 membru. Fis-sena 194 , il-Kumitat kien iddeċieda li mill-Kumitat tad-Direzzjoni jinħatru żewġ membri mis-Soċjetà sabiex jieħdu sehem fil-Kungress Nazzjonali. Dawn kienu Luigi Ebejer u Toni Stivala u hawn turi l-volonta' u l-impenn tas-Soċjetà mhux biss f'Ħal Balzan imma wkoll fuq skala nazzjonali.

---

[1] Minħabba l-Final tat-Tazza tad-Dinja 2010, il-festa tal-Lunzjata tmexxiet għall-ewwel Ħadd t'Awwissu 2010, għaldaqstant minħabba l-festa ta' San Duminku li ssir fil-Belt Valletta u l-Banda King's Own tieħu sehem attiv fil-festa, is-servizz tal-istess banda f'Ħal Balzan kellu jitħassar għal din is-sena.

## X'insibu fil-Ktieb tat-Tesserament…



*Meta l-Italja u l-Ġermanja rtiraw mill-gwerra. Triq Santa Marija kienet iċ-ċentru ta' attiva' li fiha l-Balzanin ħarġu jifirħu tmiem il-gwerra u dan kien ifisser qawmien ġdid. Fil-qalba tan-nies jidhru Luigi Ebejer BEM, Segretarju u Gabriel Caruana fl-eta' ta' 15-il sena.*

Fis-sena 1945 insibu 34 membru. (Il-Padrun tas-Soċjetà u Fundatur tal-Banda Gabriel Caruana jħallas it-tessera ta' soċju għall-ewwel darba fl-eta' ta' 16-il sena). Fis-sena 1946 insibu 27 membru.

Fis-sena 1947 insibu 42 membru. Il-mibki Pirotekniku Valent Azzopardi fl-eta' ta' 18-il sena, eks-Kaxxier Piju Ebejer u l-eks-għalliem tal-allievi u l-eks-Assistant Surmast tal-Banda San Gabriel u issa Surmast Onorarju Gabriel Muscat jħallsu t-tessera ta' soċji għall-ewwel darba. Dawn kienu ġew proposti minn Ġużeppi Debono magħruf bħala *'Il-Qannat'* li aktar tard kien għamel żmien Segretarju. Fis-sena 1948 insibu 46 membru filwaqt li fis-sena 1949 insibu 51 membru.



*Dettalji li ħareġ il-Comitato Direttiv fi żmien diffiċli tat-Tieni Gwerra Dinija.*

## Snin tad-Deheb – Is-Snin 50

Jaslu s-snin 50. Għal ħafna meqjusin bħala snin tad-deheb fi ħdan din is-Soċjetà. Minn **Għaqda San Gabriel**, fis-sena 1952 għall-**Każin tal-Banda San Gabriel – Ħal Balzan AD 1920**. It-twaqqif tal-Banda San Gabriel bidel ħidmet is-Soċjetà. Issa l-isem tas-Soċjetà beda jikber permezz tal-Banda San Gabriel fuq livell nazzjonali. Il-Banda San Gabriel, barra l-programmi u l-marċi matul il-festa titulari tal-Lunzjata f'Ħal Balzan, fl-4 t'Awwissu 1956 daqqet fil-festa tal-Patrijarka San Duminku ta' Guzman ġewwa l-Belt Valletta. Imbagħad fl-10 ta' Frar 1957, il-Banda San Gabriel daqqet għal darb'oħra ġewwa l-Belt fil-festa ta' Missierna San Pawl Nawfragu. Dan kien suċċess għall-Banda San Gabriel meta hekk fl-ewwel żminijiet tagħha kienet ħadet sehem fiż-żewġ festi titulari ġewwa l-Belt Valletta. Mhux hekk biss, fid-9 ta' Settembru 1958, il-Banda San Gabriel daqqet għal darb'oħra fil-Belt Valletta bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Assedju l-Kbir[2].

Ma ninsewx li l-Banda San Gabriel ħadet sehem fl-ewwel Quddiesa Solenni tan-Novell Saċerdot Dun Ġwann Zammit Hammet, li kien ukoll Direttur Spiritwali tal-Każin tagħna. Il-Banda San Gabriel kienet akkumpanjatu mid-dar tiegħu sal-Knisja Parrokkjali nhar id-9 t'Awwissu 1953. Fl-1954 il-Banda daqqet marċi ferrieħa waqt li r-Reġina Eliżabetta II għaddiet minn Ħal Balzan fi triqtha lejn il-Palazz ta' San Anton.

## Il-Karnival

U xi ngħidu għall-Karnival? Il-Każin tal-Banda San Gabriel beda jieħu sehem ukoll fil-Karnival ta' Malta. Jibqgħu popolari diversi karrijiet però l-anzjani tagħna jgħidu li l-karru bit-tema *'Catching Fish with Ties instead of Rods and Lines!'* jibqa' l-aktar magħruf. Wara dawn is-suċċessi kien hemm membri sodi,

[2] Gabriel Caruana jirrakontali li wara dan il-Programm Mużikali li Mro. Carmelo Briffa dderieġa kien ħareġ bl-unuri. Mro. Cardenio Botti (1890-1973), wara dan il-Programm Mużikali, kien qal lil Gabriel li l-kapaċità ta' dan is-Surmast mhux biss fl-eżekuzzjoni tal-istrument li jdoqq (il-Baxx) iżda fid-direzzjoni wkoll. Mro. Carmelo Briffa twieled f'Birkirkara fl-1907. Hu nħatar l-ewwel Surmast tal-Banda San Gabriel fl-1952 meta dak iż-żmien kien Assistant Surmast mal-Banda Duke of Connaught Own ta' Birkirkara. Inħatar Surmast Direttur fis-sena 1953 mal-Banda San Ġuzepp ta' Ħal Kirkop ukoll. Jingħad li kellu paċenzja kbira fit-tagħlim tal-allievi. L-Erbgħa 12 t'April 1972, il-Banda San Gabriel akkumpanjat il-funeral tas-Surmast Mro. Briffa f'korteo mill-Knisja ta' San Pawl tal-Wied f'Birkirkara sal-Kolleġġjata Bażilika Elenjana.



***It-tema għall-Karnival*** 'Coming from the moon'**.**




***Il-grupp jippoża f'Misraħ San Ġorġ fil-Karnival tal-1952.***
***L-isem kien 'Latest Invention - Catching Fish with Ties instead of Rods and Lines!'***

deċiżi u lesti jagħmlu din is-Soċjetà, minkejja f'raħal żgħir, Soċjetà ewlenija f'pajjiżna.



*Fuq il-lemin Gabriel Caruana, Nazju Magro, Benny Pace (kokka) u fuq ix-xellug Karmenu Micallef u Kola Borg.*

## X'insibu fil-Ktieb tat-Tesserament fil-Ħamsinijiet…

Fl-1950 insibu 58 membru, fl-1951 insibu 58, fl-1952 insibu 87, fl-1953 insibu 81, fl-1954 insibu 75, fl-1955 insibu 82, fl-1956 insibu 84, fl-1957 insibu 80, fl-1958 insibu 81 u fl-1959 insibu 85.

## Fis-Sittinijiet… u s-Sebgħinijiet…

Jekk inkomplu nagħtu titwila lejn l-andament tal-membri tesserati fil-Każin matul is-snin 60 naraw li issa t-total beda joqrob lejn il-mitt membru mal-1965. Hawnhekk insibu wkoll li għal xi snin, l-aktar għall-perjodu tal-bidu tas-sittinijiet, il-membri



*F'dak il-Karnival tal-1952, il-karru gie kklassifikat fl-ewwel post. Nazju Magro, bil-ferħ qata' ras il-maskarun u tellagħha mal-arblu u xegħelha għal tlitt ijiem.*

naqsu l-aktar minħabba l-kwistjoni li l-Partit Laburista kellu mal-Awrorita' Ekklesjastika, l-emigrazzjoni jew jiżżewġu u jmorru joqogħdu postijiet oħra. Però kif jgħaddi dan il-perjodu, lejn l-aħħar tas-sittinijiet, żdiedu l-membri għal 158. Fis-snin 70 naraw żieda sena wara sena rigward tesserament tal-membri.

## Fit-Tmeninijiet... fis-Snin Disgħin… u l-Millennju…

Fil-bidu tas-snin 80 naraw li issa l-Każin jaspira li jilħaq il-200 membru. U hekk kien għax fis-sena 1984 leħaq il-190 membru filwaqt li fis-sena 1985 in-numru ta' membri tela' 220 membru b'miżata ta' lira. Imbagħad fis-sena 1988, is-soċji regolari telgħu 241 u ironikament waqt li kont għaddej bit-tiftix dwar il-membri, ninduna li l-241 membru fil-lista kont jien. Fis-snin 90 l-andament jibqa' l-istess, jiġifieri jvarja 220 membru 'l fuq. U l-istess wara l-millenju sal-ġurnata tal-lum, naraw li l-Każin iħaddan fih 227 membru.

Jalla l-ammont ta' membri jibqgħu jizdiedu ħalli nkomplu nkabbru din il-familja tal-Każin tal-Banda San Gabriel.



***Fis-sena 1986, il-Każin tal-Banda San Gabriel kien ikkompeta fil-Kompetizzjoni Karru, Żifna u Kostum fejn gie kklassifikat fit-tieni post bl-isem 'U x'fatta skantajt b'li joħrog mill-bajd!'***